# Linji Gwida

EBA/GL/2025/04

4 ta’ Novembru 2025

# Linji gwida dwar l-analiżi tax-xenarju ambjentali

## Biex tittestja r-reżiljenza tal-istituzzjonijiet għall-impatti negattivi tal-fatturi ta’ riskju ambjentali

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## 1.1. Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument jinkludi Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-Linji Gwida.

2. Il-Linji Gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-Linji Gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom skont il-bżonn (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## 1.2. Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew inkella jagħtu raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 16.03.2026. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "l-EBA/GL/2015/04". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità trid tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, UE: ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj),

# 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## 2.1. Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

5. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw il-kriterji għall-istabbiliment tax-xenarji li l-istituzzjonijiet għandhom jużaw biex jittestjaw ir-reżiljenza tagħhom għall-impatti negattivi fit-tul ta' fatturi ambjentali, b'mod partikolari fatturi relatati mal-klima, skont l-Artikolu 87a(3) u 87a(5), il-punt (d) tad-Direttiva 2013/36/UE[2].

6. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw ukoll kif il-fatturi ta' riskju relatati mal-klima għandhom jiġu integrati f'eżerċizzju ta' test ta' stress u jistabbilixxu kriterji għall-analiżi tax-xenarji li jistgħu jintużaw biex tiġi ttestjata r-reżiljenza tal-istituzzjoni għal impatti negattivi fuq terminu qasir ta' fatturi ambjentali.

7. Dawn il-Linji Gwida jikkomplementaw il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskji ESG (l-EBA/GL/2025/01)[3] fir-rigward tal-analiżi tax-xenarji. Dawn il-Linji Gwida jikkomplementaw ukoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet (l-EBA/GL/2018/4)[4].

8. Barra minn hekk, dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw addizzjonalment kif l-istituzzjonijiet, li jkunu rċevew il-permess tal-awtorità kompetenti tagħhom biex jużaw l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (Approċċ IRB) biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal parti mill-esponimenti għar-riskju ta' kreditu tagħhom jew għal kollha kemm huma, għandhom jiddefinixxu u jużaw xenarji ta' ttestjar tal-istress li jinkludu motivaturi tar-riskju ambjentali, b'mod partikolari l-motivaturi tar-riskju fiżiku u tar-riskju ta' tranżizzjoni li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, bħala parti mill-programmi tagħhom ta' ttestjar tal-istress fuq ir-riskju ta' kreditu sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 177(2a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013[5].

---

[2] Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338, UE http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj).

[3] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskji tal-ESG jispeċifikaw l-istadji minimi u l-metodoloġiji ta' referenza għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tar-riskji tal-ESG. B'mod partikolari, huma jispeċifikaw il-kontenut tal-pjanijiet li għandhom jitħejjew f'konformità mal-Artikolu 76(2) tas-CRD. il-linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) (l-EBA/GL/2025/01).

[4] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet (l-EBA/GL/2018/04) jipprovdu aspettattivi organizzattivi, metodoloġiji u proċessi komuni għat-twettiq tal-ittestjar tal-istress mill-istituzzjonijiet, filwaqt li jispeċifikaw kif dawn għandhom jitqiesu għall-finijiet tal-adegwatezza tal-kapital u tal-ġestjoni tar-riskju.

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 6tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj),

9. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Linji Gwida huwa ffukat fuq ir-riskji ambjentali bi prijorità mogħtija lill-klima kif speċifikat fil-mandat. Reviżjoni futura ta’ dawn il-Linji Gwida tista’ tinkorpora fatturi soċjali u ta’ governanza diment li l-metodoloġiji f’dawn l-oqsma jippermettu dan.

10. L-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw dawn il-Linji Gwida f’konformità mal-livell ta’ applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 109 tad-Direttiva 2013/36/UE.

## 2.2. Destinatarji

11. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fl-Artikolu 4(2), il-punt (i) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010 li huma wkoll istituzzjonijiet f’konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

## 2.3. Definizzjonijiet

12. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE, fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet (l-EBA/GL/2018/04) u fil-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskji tal-ESG (l-EBA/GL/2025/01) għandhom l-istess tifsira f’dawn il-Linji Gwida.

# 3. Implimentazzjoni

## 3.1. Data tal-applikazzjoni

13. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2027.

# 4. L-iskop, il-governanza u l-proporzjonalità fl-analiżi tax-xenarju ambjentali

## 4.1. Għan

14. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw approċċi li jħarsu 'l quddiem u jwettqu analiżijiet tax-xenarji biex jimmaniġġjaw ir-riskji ambjentali u jinfurmaw id-deċiżjonijiet strateġiċi. B'mod iktar speċifiku:

    a. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw analiżi tax-xenarji għall-finijiet tal-identifikazzjoni tar-riskji u tal-opportunitajiet tan-negozju, tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet tal-portafolli tagħhom għar-riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni, u tal-ittestjar tar-reżiljenza tagħhom għall-impatti negattivi potenzjali ta' fatturi ambjentali, billi jibdew bit-tibdil fil-klima.

    b. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw analiżi tax-xenarju biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-proċess tagħhom ta' ppjanar tal-istrateġija u tat-tranżizzjoni kif stabbilit fil-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskji tal-ESG u jikkontestaw il-mudell kummerċjali tagħhom f'termini ta' reżiljenza għall-fatturi ambjentali, inkluż għall-perjodu fit-tul.

    c. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw ukoll analiżi tax-xenarji biex iqajmu sensibilizzazzjoni u jappoġġaw l-inkorporazzjoni ta' riskji ambjentali fil-kultura korporattiva tagħhom.

15. Meta jwettqu analiżi tax-xenarji, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw ċarezza fl-iskop, l-aspettattivi u l-limitazzjonijiet tal-analiżi.

16. Mill-bidu nett, l-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu narrattiva kredibbli u koerenti li tiddeskrivi l-viżjoni tagħhom tal-evoluzzjoni l-aktar probabbli tal-ambjent tan-negozju li joperaw fih. Din in-narrattiva għandha sservi bħala pedament tax-xenarju ta' referenza tal-istituzzjoni kif imsemmi fit-Taqsima 4.2. Għandha tiġi approvata mill-maniġment superjuri u tintuża b'mod konsistenti (jiġifieri filwaqt li titqies l-istess narrattiva) fl-organizzazzjoni kollha.

17. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw analiżi tax-xenarji gradwalment, bl-għan li jinkluduha fil-qafas ta' ġestjoni kollu tagħhom (jiġifieri l-istrateġija, il-governanza, il-ġestjoni tar-riskju u l-operazzjonijiet). Meta jużaw analiżi tax-xenarji biex jittestjaw ir-reżiljenza għal impatti negattivi potenzjali ta' fatturi ambjentali, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw iż-żewġ għodod komplementari li ġejjin f'konformità mat-Taqsima 5:

    a. It-test tal-istress li jista' jgħin lill-istituzzjonijiet jivvalutaw ir-reżiljenza finanzjarja tagħhom (kemm tal-kapital kif ukoll tal-likwidità) għal xokkijiet ambjentali fuq terminu qasir.

    b. L-analiżi tar-reżiljenza li għandha tgħin lill-istituzzjonijiet jivvalutaw u, fejn meħtieġ, jadattaw il-mudell tan-negozju tagħhom biex jiżguraw ir-reżiljenza tagħhom fid-dawl ta' bidliet ambjentali fuq terminu medju sa twil.

## 4.2. Governanza

18. Meta jiżviluppaw u jimplimentaw analiżi tax-xenarju ambjentali, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw arranġamenti ta' governanza f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna[6] u l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskji tal-ESG. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu proċess biex jiżguraw ir-robustezza tan-narrattiva u tax-xenarji komuni użati fil-linji tan-negozju tagħhom u jiżguraw li dawn in-narrattivi u x-xenarji jiġu rieżaminati regolarment, speċjalment fil-każ ta' bidliet sinifikanti fl-ambjent tan-negozju.

19. Sabiex tissaħħaħ il-konsistenza tas-suppożizzjonijiet u l-istimi magħmula fil-funzjonijiet tan-negozju kif ukoll sabiex jiġi żgurat li r-riżultati tal-analiżi tax-xenarji huma rilevanti u sfruttabbli mill-proċessi eżistenti, l-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw approċċ transfunzjonali. Tali kollaborazzjoni fost diversi dipartimenti għandha tiżgura li l-għarfien espert u l-għarfien minn diversi funzjonijiet jikkontribwixxu għal qafas komprensiv u robust tal-analiżi tax-xenarji. L-istituzzjonijiet għandhom jissostanzjaw u jiddokumentaw l-analiżijiet tax-xenarji tagħhom, inklużi l-għażliet tax-xenarji u tal-immudellar, is-suppożizzjonijiet magħmula, l-indikaturi użati biex ilaħħqu mal-lakuni fid-data, il-fatturi inklużi jew esklużi, kif ukoll ir-riżultati u l-konklużjonijiet ewlenin milħuqa.

## 4.3. Proporzjonalità

20. L-istituzzjonijiet għandhom jiffukaw l-analiżijiet tax-xenarji tagħhom fuq riskji ambjentali materjali. Sabiex iwettqu l-valutazzjoni tal-materjalità tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jirreferu għal-Linji Gwida dwar il-ġestjoni tar-riskji tal-ESG.

21. Il-grad ta' sofistikazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza tal-analiżi tax-xenarju għandhom ikunu proporzjonati mal-materjalità tar-riskji ambjentali, l-istat attwali tal-iżvilupp u l-maturità tal-metodoloġiji u l-prattiki disponibbli, il-kapaċitajiet interni tal-istituzzjoni (filwaqt li jitqiesu d-daqs tagħha, il-mudell tan-negozju u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha), kif ukoll il-benefiċċji mistennija tal-eżerċizzju. Fejn approċċ kwantitattiv dettaljat ikun sproporzjonat għall-kapaċitajiet jew il-benefiċċji mistennija tal-istituzzjoni, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw approċċ simplifikat. F'dan ir-rigward, u fejn iġġustifikat b'rabta mal-materjalità tar-riskji:

   d. L-SNCIs jistgħu jiddependu fuq approċċ fil-biċċa l-kbira kwalitattiv kemm għall-analiżi tax-xenarji fuq terminu qasir kif ukoll għal dak aktar fit-tul.

   e. Istituzzjonijiet oħrajn għajr dawk kbar u għajr l-SNCIs jistgħu jużaw analiżi tas-sensittività biex jittestjaw ir-reżiljenza finanzjarja tagħhom fuq terminu qasir għal fatturi ambjentali negattivi. Għall-analiżi tar-reżiljenza fit-tul, dawn jistgħu jiddependu minn approċċ li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa kwalitattiv.

[6] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna skont id-Direttiva 2013/36/UE (l-EBA/GL/2021/05).

f. Għal istituzzjonijiet kbar, jista' jiġi previst approċċ simplifikat fil-kuntest ta' analiżi tar-reżiljenza fuq terminu medju sa twil u ta' riskji ambjentali mhux klimatiċi, fejn l-analiżi tas-sensittività tista' sservi bħala pass inizjali. Hekk kif il-fehim u l-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tar-riskji ambjentali javvanzaw, huma mistennija jintegraw progressivament approċċi kwantitattivi aktar sofistikati.

# 5. L-iżvilupp tal-analiżi tax-xenarji ambjentali

## 5.1. Kanali ta’ trażmissjoni

22. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw, permezz ta’ osservazzjoni u ġudizzju, l-aktar kanali ta’ trażmissjoni rilevanti li permezz tagħhom ir-riskji ambjentali jistgħu jaffettwaw l-esponimenti tagħhom. Sabiex jagħmlu dan, huma għandhom jadottaw proċess strutturat, dokumentat sew u rieżaminat regolarment.

23. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw sorsi ta’ data affidabbli, japplikaw metodoloġiji trasparenti, u suppożizzjonijiet artikolati b’mod ċar. F’konformità mat-Taqsima 4.2 tal-Linji Gwida dwar il-ġestjoni tar-riskji tal-ESG, l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru d-data meħtieġa abbażi tal-valutazzjoni tal-materjalità tagħhom.

24. Sabiex jidentifikaw il-kanali ta’ trażmissjoni ambjentali, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivaturi rilevanti tar-riskju billi jikkunsidraw kemm ir-riskji ta’ tranżizzjoni kif ukoll dawk fiżiċi. Lista mhux eżawrjenti ta’ kanali ta’ trażmissjoni potenzjali, kemm mikro kif ukoll makro, hija ppreżentata fl-Anness.

25. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-punt sa fejn il-kontropartijiet tagħhom jistgħu jkunu esposti indirettament għal riskji ambjentali permezz tal-katina tal-valur tagħhom jew permezz ta’ effetti konsegwenzjali potenzjali fuq l-ekonomija lokali, billi jibdew bl-akbar kontropartijiet jew bil-kontropartijiet l-aktar ikkonċentrati tagħhom. Fejn tali impatti indiretti jiġu vvalutati bħala materjali, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw li jirriflettuhom fil-kanali ta’ trażmissjoni rilevanti.

26. Skont il-perjodu ta’ żmien tal-analiżi, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw fatturi potenzjali ta’ mitigazzjoni jew amplifikazzjoni tar-riskju. Dawn jistgħu jinkludu:
    a. kopertura tal-assigurazzjoni privata u pubblika - filwaqt li jiġu kkunsidrati d-diskrepanzi eżistenti u futuri potenzjali fil-protezzjoni tal-assigurazzjoni;
    b. l-isforzi kontinwi tal-kontropartijiet u l-istrateġiji li jħarsu ’l quddiem relatati mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u/jew l-adattament għalih (eż. pjanijiet ta’ tranżizzjoni fejn disponibbli), inklużi r-riskji li jirriżultaw minn falliment jew dewmien potenzjali fit-twettiq effettiv ta’ tali tranżizzjoni/adattament; u
    c. miżuri ta’ adattament lokali jew governattivi rilevanti, filwaqt li jkunu kawti biex ma jiddependux minn azzjonijiet governattivi ottimisti żżejjed jew skemi ta’ appoġġ finanzjarju mmexxija mill-Istat.

27. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw kif ir-riskji ta' tranżizzjoni u dawk ambjentali fiżiċi jippropagaw permezz ta' kanali rilevanti ta' trażmissjoni, u jimmaterjalizzaw f'kategoriji stabbiliti ta' riskju, inklużi:

   a. il-mudell tan-negozju u r-riskju strateġiku (eż. kost ogħla tar-riskju u profittabbiltà aktar baxxa);

   b. riskju ta' kreditu (eż. inadempjenza tal-kontropartijiet jew probabbiltà miżjuda ta' inadempjenza, impatt fuq il-valuri kollaterali);

   c. ir-riskju tas-suq (eż. telf fil-valur tal-assi finanzjarji, żieda fil-volatilità, twessigħ tal-firxiet tal-kreditu fuq ċerti assi);

   d. riskju ta' likwidità (eż. diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament jew il-likwidazzjoni tal-assi, żieda fil-ħtiġijiet ta' likwidità tal-klijenti); u

   e. riskju operazzjonali (eż. tfixkil f'daqqa jew gradwali fil-proċessi, inkluż in-nuqqas ta' persunal u qtugħ tal-IT).

## 5.2. Ix-xenarji

28. Meta jistabbilixxu xenarji li jinvolvu riskji ambjentali, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw, b'mod konsistenti mal-identifikazzjoni tal-kanali ta' trażmissjoni, għadd ta' fatturi interkonnessi biex jiżguraw li x-xenarji jkunu kemm jista' jkun rilevanti. Jiġifieri, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw dan li ġej:

   a. il-kuntest soċjoekonomiku, jiġifieri suppożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi globali jew reġjonali, inklużi t-tkabbir tal-popolazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku u l-inugwaljanzi soċjali; u fatturi makroekonomiċi oħra, inklużi l-inflazzjoni u l-politiki monetarji, iż-żieda fil-protezzjoniżmu;

   b. l-evoluzzjoni teknoloġika, jiġifieri l-livell u l-pass tal-innovazzjoni, l-adozzjoni teknoloġika, u d-disponibbiltà tal-infrastruttura għall-appoġġ ta' teknoloġiji ġodda;

   c. il-preferenzi tal-konsumatur, jiġifieri bidliet potenzjali fl-aptit tal-konsumaturi għal oġġetti u servizzi meqjusa bħala sostenibbli, prodotti lokalment u tajbin għas-saħħa.

29. Għar-riskji klimatiċi, għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi addizzjonali li ġejjin:

   a. il-politiki dwar il-klima, jiġifieri l-livell ta' intervent ta' politika mmirat lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew il-ġestjoni tal-impatti tiegħu permezz ta' politiki ta' adattament; dan jista' jvarja minn azzjonijiet ambizzjużi ħafna għal azzjonijiet minimi;

   b. sistemi tal-enerġija, jiġifieri l-istruttura tal-produzzjoni, il-konsum u l-infrastruttura tal-enerġija, inkluża d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili *vs* sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

   c. perkorsi settorjali għal emissjonijiet żero netti, jiġifieri kif is-setturi differenti jiżviluppaw u jadattaw għal ekonomija sostenibbli, inkluż, fejn rilevanti, il-prospettiva internazzjonali, bħall-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE), l-inizjattiva dwar il-Mira Bbażata fuq ix-

Xjenza (SBTi)[7] jew il-perkorsi settorjali ta’ dekarbonizzazzjoni[8] tal-Assoċjazzjoni Bankarja b’Emissjonijiet Żero Netti (NZBA), il-kuntest reġjonali, l-ewwel u qabel kollox fosthom l-istrateġija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %”, u l-mira tan-newtralità klimatika għall-2050, u l-politiki nazzjonali u l-istrateġija klimatika;

d. il-livell tal-emissjonijiet u l-impatt klimatiku li jirriżulta, jiġifieri l-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u kif it-temperatura u proċessi bijofiżiċi oħra huma mistennija li jiżviluppaw fil-futur.

30. Għal riskji ambjentali oħra (lil hinn mill-klima), għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi addizzjonali li ġejjin:

a. il-politika u r-regolamentazzjoni ambjentali, jiġifieri l-livell ta’ ambizzjoni u l-infurzar tal-politiki tal-protezzjoni ambjentali, bħall-konservazzjoni tal-bijodiversità, ir-regolamentazzjoni tal-kwalità tal-ilma u tal-arja, il-mandati tal-ekonomija ċirkolari, ir-restrizzjonijiet fuq is-sustanzi kimiċi dannużi, u l-projbizzjonijiet fuq id-deforestazzjoni. Dan jinkludi oqfsa reġjonali bħal-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura jew l-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030;

b. il-kundizzjoni tal-ekosistema, jiġifieri l-istatus u x-xejriet fil-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistema, il-fertilità tal-ħamrija, id-disponibbiltà tal-ilma ħelu, u l-livelli tat-tniġġis. Dawn il-fatturi jiddefinixxu l-istress ambjentali tal-linja bażi u jinfluwenzaw il-materjalizzazzjoni ta’ riskji bħall-iskarsezza tar-riżorsi, il-kollass tal-ispeċijiet, jew il-kriżi tal-ilma;

c. il-mudelli tal-użu tal-art u tar-riżorsi, jiġifieri l-firxa u l-intensità tal-użu tal-art (l-espansjoni urbana, l-agrikoltura, it-tħaffir fil-minjieri), u l-mudelli tal-estrazzjoni tal-materja prima jew l-użu tal-ilma. L-użu mhux sostenibbli jista’ jamplifika d-degradazzjoni ambjentali u jiskatta punti kritiċi soċjali jew ekonomiċi;

d. id-dipendenzi tal-katina tal-provvista fuq l-ekosistemi, jiġifieri l-grad sa fejn is-setturi jew ir-reġjuni jiddependu fuq servizzi tal-ekosistemi bħad-dakkir, il-filtrazzjoni tal-ilma, jew id-disponibbiltà tal-materja prima. It-tfixkil ta’ dawn is-servizzi jista’ jwassal għal telf settorjali, pereżempju fl-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-ikel, jew it-tessuti.

31. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw xenarji kredibbli, ibbażati fuq l-aktar għarfien xjentifiku reċenti, u fuq xenarji u riżorsi pprovduti minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali rikonoxxuti b’mod wiesa’, bħal:

a. għar-riskji klimatiċi: il-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), in-Network għall-Ekoloġizzazzjoni tas-Sistema Finanzjarja (NGFS), l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA), il-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEP), iċ-Ċentru

[7] L-SBTi hija sħubija globali (bejn CDP, il-Patt Globali tan-NU, WRI, u l-WWF) li tgħin lill-kumpaniji u lill-istituzzjonijiet finanzjarji jistabbilixxu miri ta’ tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra li huma allinjati mal-**għanijiet** tal-Ftehim ta’ Pariġi (li jillimitaw it-tisħin għal ferm inqas minn 2°C, u wara għal 1.5°C).

[8] L-NZBA hija inizjattiva mmexxija mill-industrija mlaqqa’ min-NU mnedija fl-2021 taħt *l-Alleanza Finanzjarja ta’ Glasgow għal Emissjonijiet Żero Netti (GFANZ)* li tipprovdi qafas komuni għall-banek biex jallinjaw il-portafolli tagħhom ma’ emissjonijiet żero netti sal-2050 permezz tal-adozzjoni ta’ miri settorjali.

Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni tal-UE (JRC tal-UE) jew korpi governattivi jew mhux governattivi nazzjonali;

b. għal riskji ambjentali oħra lil hinn mill-klima: il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES), l-aġenziji speċjalizzati tan-Nazzjonijiet Uniti[9], l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)[10], l-Istitut Dinji tar-Riżorsi (WRI)[11], kif ukoll valutazzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza żviluppati fil-livell reġjonali jew nazzjonali (eż. strateġiji nazzjonali għall-bijodiversità, pjanijiet ta' ġestjoni tal-ħamrija u tal-ilma, jew oqfsa ta' monitoraġġ tat-tniġġis).

32. L-istituzzjonijiet għandhom jirfinaw u jippersonalizzaw ix-xenarji magħżula abbażi tal-objettiv, il-kamp ta' applikazzjoni u l-granularità tal-analiżi li tkun qed titwettaq. Pereżempju, meta jwettqu testijiet tal-istress, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw xenarji fuq terminu relattivament qasir, li jiffukaw aktar fuq riskji fiżiċi akuti (jiġifieri materjalizzazzjoni f'daqqa ta' avvenimenti klimatiċi estremi) milli fuq riskji fiżiċi kroniċi (jiġifieri bidla gradwali fil-kundizzjonijiet klimatiċi) u b'enfasi akbar milli f'xenarji aktar fit-tul fuq l-impatti negattivi potenzjali ta' skonnessjoni qawwija bejn l-aġenda tar-regolamentazzjoni ambjentali, iċ-ċiklu tan-negozju u s-sentiment tal-konsumatur u tas-suq.

33. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li x-xenarji jkunu allinjati sew mal-karatteristiċi uniċi tar-riskju tal-portafolli u tal-mudell tan-negozju tagħhom billi jaġġustaw ix-xenarji sa fejn ikun meħtieġ u possibbli.

34. Fejn xenarju ma jinkludix uħud mill-elementi elenkati fil-paragrafi 29 u 30, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-materjalità potenzjali ta' dawn il-fatturi u jikkunsidraw il-punt sa fejn ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu aġġustati abbażi ta' ġudizzju espert.

35. Meta jistabbilixxu xenarji, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw kemm ir-riskju fiżiku kif ukoll ir-riskju ta' tranżizzjoni. Anki jekk l-immudellar jista' jwassal għall-istabbiliment ta' xenarji separati għal kull wieħed minn dawn ir-riskji, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw konsistenza suffiċjenti bejn ix-xenarji peress li r-riskji huma strettament korrelatati fuq terminu twil.

36. L-istituzzjonijiet għandhom jagħżlu l-aspetti speċifiċi tar-riskju ta' tranżizzjoni u l-perikli tar-riskju fiżiku li għandhom jiġu koperti mix-xenarju abbażi tal-valutazzjoni tal-materjalità tagħhom, li jistgħu jvarjaw skont il-perjodu ta' żmien ikkonċernat.

[9] L-aġenziji speċjalizzati [9] tan-NU jinkludu l-UNEP, l-FAO (l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura), il-GBO (Global Biodiversity Outlook) li hija l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika – il-qafas ewlieni tal-KDB għat-traċċar tal-progress globali tal-bijodiversità, u oħrajn rilevanti għall-monitoraġġ u l-politika ambjentali.

[10] L-EEA hija korp tal-UE li joffri qafas għad-data ambjentali u għall-appoġġ tal-politika.

[11] Il-WRI hija istitut ta' riċerka li jiżviluppa oqfsa għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u l-azzjoni dwar il-klima.

37. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li x-xenarji jkunu internament konsistenti. B’mod partikolari, it-trajettorja ta’ kull fattur ewlieni m'għandhiex titqies waħedha iżda b’rabta mat-trajettorja tal-fatturi ewlenin l-oħra. Pereżempju, is-suppożizzjonijiet dwar it-tkabbir ekonomiku għandhom ikunu konsistenti mas-suppożizzjonijiet dwar id-domanda għall-enerġija u l-adozzjoni tat-teknoloġija.

38. Fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, l-istituzzjonijiet jistgħu inizjalment, jew skont id-daqs, in-natura, il-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, jew skont il-valutazzjoni tal-materjalità tar-riskju ambjentali tagħhom, jiffukaw fuq kamp ta’ applikazzjoni aktar ristrett, jużaw inqas fatturi ta’ input, jistabbilixxu xenarji aktar sempliċi u/jew jużaw approċċi simplifikati.

## 5.3. Analiżi tas-sensittività

39. Fl-iżvilupp ta’ analiżi tax-xenarji, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw li jużaw analiżi tas-sensittività bħala għodda aktar sempliċi u prattika. Filwaqt li huwa inqas kumpless minn analiżi sħiħa tax-xenarji, dan l-approċċ jista’ jipprovdi lill-istituzzjonijiet bi stima tal-aktar impatti materjali assoċjati mar-riskji ambjentali.

40. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw analiżi tas-sensittività biex jesploraw riskji emerġenti (eż. in-natura, l-iskarsezza tar-riżorsi), jew riskji fit-tul ħafna (eż. impatti taż-żieda fil-frekwenza u fis-severità tar-riskji fiżiċi fl-2050 u lil hinn).

# 6. Tipi ta' analiżi tax-xenarji ambjentali

## 6.1. Testijiet tal-istress

41. L-istituzzjonijiet għandhom jinkorporaw fatturi ambjentali fil-qafas tal-ittestjar tal-istress tagħhom, elaborat f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjoni.

42. F'konformità mal-Artikolu 177(2) u (2a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB huma meħtieġa jwettqu b'mod regolari testijiet tal-istress tar-riskju ta' kreditu li għandhom iqisu l-effetti ta' xenarji ta' reċessjoni severi, iżda plawżibbli" u li għandhom jinkludu *"motivaturi tar-riskju ESG, b'mod partikolari motivaturi tar-riskju fiżiku u tar-riskju ta' tranżizzjoni li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima"*. Il-metodoloġija għat-twettiq ta' testijiet tal-istress f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun konsistenti, sa fejn ikun xieraq, mal-metodi stabbiliti fit-Taqsima 4.7.1 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet, u f'din it-taqsima.

43. Għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-ittestjar tal-istress tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw xenarju bażi, kif ukoll sett ta' xenarji avversi li huma definiti bħala xenarji severi (jiġifieri riskju ta' titrif) iżda plawżibbli (jiġifieri raġonevolment probabbli).

44. Meta jiddefinixxu x-xenarju bażi tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jassumu kontinwazzjoni tal-kundizzjonijiet u x-xejriet attwali, inklużi x-xejriet mistennija fir-riskji ambjentali, mingħajr ma jassumu xokkijiet estremi jew bidliet fil-politika. Ix-xenarju bażi għandu jqis, fejn x'aktarx ikollu impatti materjali, il-politiki adottati jew li jkunu se jiġu adottati matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

45. Għas-sett ta' xenarji negattivi, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ix-xokkijiet ambjentali bħala xokkijiet fost l-oħrajn. Meta x-xokkijiet ta' oriġini differenti jingħaqdu, l-istituzzjonijiet għandhom jeżaminaw f'aktar dettall il-konsegwenzi ta' dawn ir-riskji komposti li jistgħu jamplifikaw l-impatti lil hinn minn aggregazzjoni sempliċi tal-impatti tax-xenarji klimatiċi, ambjentali u makroekonomiċi analizzati separatament.

46. Meta jinkorporaw varjabbli ambjentali fil-qafas tal-ittestjar tal-istress eżistenti tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu analiżi bir-reqqa tal-lakuni tal-mudelli tal-ittestjar tal-istress tagħhom biex jidentifikaw oqsma fejn il-kapaċitajiet ta' mmudellar attwali jeħtieġ li jittejbu biex iqisu b'mod adegwat ir-riskji ambjentali. Minħabba li r-riskji ambjentali mhumiex primarjament koperti minn varjabbli ekonomiċi, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw reviżjoni fil-fond tal-approċċi tagħhom, u mhux aġġustamenti *ad hoc* multipli.

47. Sabiex tiġi ffaċilitata integrazzjoni bla xkiel tal-varjabbli ambjentali, l-istituzzjonijiet jista' jkollhom bżonn jittestjaw l-approċċi l-ġodda jew il-moduli tar-riskju ambjentali separatament qabel l-integrazzjoni sħiħa tagħhom. Fil-fażi tal-ittestjar, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu kawti meta jużaw ir-riżultati tat-testijiet tal-istress għat-teħid ta' deċiżjonijiet.

48. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li d-dimensjonijiet tas-settur tal-industrija u tal-pajjiż jew tal-pożizzjoni ġeografika jitqiesu tajjeb fil-mudelli tagħhom tat-test tal-istress. Filwaqt li jiżviluppaw mudelli ġodda jew jestendu l-granularità tal-mudelli eżistenti, l-istituzzjonijiet għandhom jintroduċu varjabbli sensittivi għar-riskji ambjentali b'rabta mal-identifikazzjoni tal-kanali ta' trażmissjoni previsti fit-Taqsima 5.1.

49. Fejn possibbli u filwaqt li jqisu l-valutazzjoni tal-materjalità tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw xokkijiet ambjentali relatati ma' xenarji avversi direttament fil-livell tal-esponiment. Għal riskji li l-materjalità tagħhom hija primarjament ir-riżultat ta' effett ta' konċentrazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ix-xokkijiet għal gruppi ta' kontropartijiet bi profil simili ta' esponiment għal riskji ambjentali.

50. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw suppożizzjoni kostanti tal-karta tal-bilanċ, iżda huma mħeġġa jinkorporaw, kemm jista' jkun, bidliet sinifikanti fil-kompożizzjoni tal-portafolli tagħhom li jirriżultaw mill-istrateġija approvata tal-istituzzjoni, fejn dawn għandhom iseħħu matul il-perjodu tat-test tal-istress. Bħala komplement, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw approċċ dinamiku sħiħ tal-karta bilanċjali skont il-prattiki u l-ħtiġijiet tagħhom.

51. L-istituzzjonijiet għandhom progressivament jinkorporaw il-fatturi ambjentali fil-mudelli tagħhom tal-ittestjar tal-istress, billi jibdew bil-mudelli tar-riskju ta' kreditu, u jimmiraw li jaqbdu gradwalment l-impatti tal-bidliet ambjentali fuq kategoriji oħra ta' riskju tradizzjonali, inkluż ir-riskju tas-suq, operazzjonali u tal-likwidità fil-portafolli, is-setturi u l-ġeografiji rilevanti kollha.

52. B'deroga mill-paragrafu 15 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet mhumiex meħtieġa jinkorporaw ir-riskji ambjentali fl-ittestjar tal-istress invers tagħhom. Huma jistgħu jagħmlu dan fuq bażi volontarja jekk iqisu li dan ikun utli.

## 6.2. Analiżi SWOT:

53. L-istituzzjonijiet għandhom jibnu l-analiżi tar-reżiljenza tagħhom bil-ħsieb li jivvalutaw il-kapaċità tagħhom li jsostnu d-direzzjoni strateġika u l-profittabbiltà tagħhom taħt kundizzjonijiet avversi.

54. Bħala punt tat-tluq għall-analiżi tar-reżiljenza, l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu analiżi bir-reqqa tal-ambjent li joperaw fih, u l-evoluzzjoni mistennija tiegħu fuq futur prevedibbli.

55. Fuq din il-bażi, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu x-xenarju ta’ referenza tagħhom stess, jiġifieri x-xenarju li jirrifletti l-perkors ambjentali l-aktar probabbli li l-iżviluppi futuri jistgħu jieħdu skont l-istituzzjoni. Dan ix-xenarju ta’ referenza intern jibni fuq ix-xenarju bażi użat għat-testijiet tal-istress iżda jestendi fuq perjodu ta’ żmien twil u jista’, b’riżultat ta’ dan, jiddevja fi gradi differenti mill-kontinwazzjoni tax-xejriet osservabbli.

56. Minbarra x-xenarju ta’ referenza, l-istituzzjonijiet għandhom jagħżlu wkoll sett ta’ xenarji alternattivi distinti mfassla biex ikopru firxa wiesgħa ta’ futuri plawżibbli.

57. Meta jwettqu analiżi tar-reżiljenza, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw iċ-ċirkwiti ta’ feedback li jirriżultaw mill-adattament tas-settur finanzjarju għar-riskji li qed jiżdiedu (eż. kopertura tal-assigurazzjoni mnaqqsa f’reġjuni vulnerabbli għall-klima li tnaqqas il-valuri tal-assi u l-affidabbiltà kreditizja, li min-naħa tagħhom jamplifikaw it-telf finanzjarju u jillimitaw l-investiment futur) u l-kontribut tiegħu għall-ħtiġijiet ta’ finanzjament tal-ekonomija. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw il-movimenti tar-riallokazzjoni tal-kapital u l-effetti possibbli ta’ esklużjoni fis-setturi jew is-subsetturi l-aktar affettwati mill-isforzi ta’ tranżizzjoni (eż. bidla lil hinn minn setturi intensivi fil-karbonju minħabba perċezzjoni akbar tar-riskju, jew fokus eċċessiv tal-investituri fuq assi ekoloġiċi li twassal għal ipprezzar ħażin u disponibbiltà mnaqqsa ta’ finanzjament għal setturi tranżizzjonali jew SMEs vulnerabbli).

58. B’mod parallel ma’ din l-analiżi bir-reqqa tal-ambjent tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-karatteristiċi ewlenin tal-mudell tan-negozju attwali tagħhom, inklużi l-profittabbiltà sottostanti, it-taħlita tal-assi u l-obbligazzjonijiet, is-sehem mis-suq, l-istruttura ta’ finanzjament, il-fatturi ewlenin ta’ suċċess u d-dipendenzi ewlenin.

59. Filwaqt li jikkombinaw din l-analiżi tas-sorsi ta’ profittabbiltà tal-mudell tan-negozju tagħhom u x-xenarju ta’ referenza tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu projezzjonijiet tal-profittabbiltà aġġustata għar-riskju tagħhom u xi metrika sinifikanti oħra (inkluża metrika ambjentali) għad-diversi attivitajiet tagħhom fuq orizzont ta’ mill-inqas 10 snin. Biex jikkontestaw ir-reżiljenza tal-istrateġija tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jirriproduċu l-projezzjonijiet li jsiru fuq il-bażi tax-xenarju ta’ referenza tagħhom bis-sett ta’ xenarji alternattivi.

60. L-istituzzjonijiet għandhom jaqsmu l-analiżi f’diversi orizzonti ta’ żmien, filwaqt li jiżguraw il-konsistenza bejn l-orizzonti differenti. Meta jagħmlu dan, għandhom ikunu jistgħu jwettqu projezzjonijiet relattivament aktar preċiżi fuq perjodu ta’ żmien qasir (eż. inqas minn ħames snin). Hekk kif il-perjodu ta’ żmien idum, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw firxiet fuq il-prestazzjoni mistennija tal-istrateġija tagħhom u fuq il-metriċi ewlenin l-oħra.

61. Għall-analiżi tar-reżiljenza, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw suppożizzjoni ta’ portafoll dinamiku limitat li tillimita l-bidliet fil-portafolli ewlenin tagħhom għal dawk previsti fl-istrateġija eżistenti tagħhom. B’mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-projezzjonijiet tagħhom ikunu allinjati mal-miri stabbiliti fil-pjan tagħhom f’konformità mal-

Artikolu 76(2) tad-Direttiva 2013/36/UE. Bħala komplement, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw suppożizzjoni ta' portafoll dinamiku sħiħ li tinkorpora kemm l-evoluzzjonijiet antiċipati tal-fatturi ambjentali kif ukoll ir-rispons mistenni tagħhom għal dawk l-evoluzzjonijiet.

62. L-analiżi tar-reżiljenza għandha tipprovdi lill-istituzzjonijiet b'valutazzjoni tal-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju tagħhom u s-sostenibbiltà tal-istrateġija tagħhom taħt kull wieħed mix-xenarji ttestjati. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw is-sejbiet mill-firxa sħiħa ta' xenarji u mhux biss jiffukaw fuq dawk ta' xenarji ta' firxa medja (jiġifieri xenarji li jiddevjaw b'mod moderat biss mix-xenarju ta' referenza tagħhom). B'riżultat ta' dan, l-implimentazzjoni ta' analiżi tar-reżiljenza għandha tappoġġa lill-istituzzjoni fil-valutazzjoni u, fejn meħtieġ, fl-aġġustament tal-istrateġija tagħha (inkluż il-pjan ta' tranżizzjoni tagħha) biex tiżgura r-reżiljenza tagħha għal xenarji avversi alternattivi.

## 6.3. Monitoraġġ kontinwu u ġudizzju espert

63. Sabiex itejbu r-robustezza tal-mudelli tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw li jikkontestaw l-approċċ ta' kalibrazzjoni tagħhom billi:

   a. iqabblu r-riżultati u s-suppożizzjonijiet tagħhom ma' osservazzjonijiet esterni, inklużi dawk superviżorji, minn sorsi kredibbli biex jivvalutaw il-konsistenza tas-suppożizzjonijiet u r-riżultati tagħhom stess;

   b. l-użu ta' analiżijiet tas-sensittività biex jiġi ttestjat il-grad ta' stabbiltà u konsistenza tal-outputs tal-mudelli tagħhom jew biex jiġi identifikat l-effett ta' tendenzi mhux lineari potenzjali mhux inklużi fix-xenarji;

   c. fejn jintuża mudell ta' parti terza, li jivverifika li l-qafas ta' validazzjoni tal-fornituri esterni jikkonforma mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni.

64. Sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet residwi tal-mudelli tat-test tal-istress tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw li jqisu l-impatti tal-fatturi li ma setgħux, f'dan l-istadju, jiġu integrati mod ieħor (eż. riskji li jirriżultaw mill-katina tal-valur tal-kontropartijiet, punti kritiċi, effetti ta' kontaġju, eċċ.), billi jaġġustaw b'mod konservattiv ir-riżultati tal-mudelli tagħhom abbażi ta' ġudizzju espert.

65. B'mod aktar ġenerali, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw ġudizzju espert meta jwettqu analiżijiet kwantitattivi biex jikkumpensaw għal data ambjentali mhux kompluta jew approssimattiva, in-nuqqas ta' korrelazzjonijiet storiċi osservati u limitazzjonijiet oħra tal-mudell.

66. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw monitoraġġ regolari ta' żviluppi sinifikanti fl-ambjent tagħhom (inkluża l-istrateġija tal-kontropartijiet biex ilaħħqu mar-riskji ambjentali) sabiex ix-xenarji u l-approċċi ta' mmudellar użati jibqgħu rilevanti. Il-frekwenza li biha titwettaq l-analiżi tax-xenarji għandha tiġi adattata għall-ħtiġijiet u l-prattiki tal-istituzzjonijiet.

67. L-analiżi tax-xenarji għandha tkun imfassla b'kunsiderazzjoni tal-adattabbiltà u l-modularità sabiex tippermetti għal irfinar kontinwu hekk kif jevolvu l-ambjent u l-għarfien. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu ruħhom aġġornati dwar l-aħħar għarfien xjentifiku.

# Anness: lista ta’ kanali ta’ trażmissjoni potenzjali li l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw

## Għal riskji ta’ tranżizzjoni:

L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji ta’ tranżizzjoni li jirriżultaw mill-bidla lejn ekonomija aktar sostenibbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju. Dawn jistgħu jinkludu riskji ta’ politika u legali (bħal mekkaniżmi ġodda ta’ pprezzar tal-karbonju jew regolamenti ambjentali aktar stretti), riskji teknoloġiċi (bħall-obsolexxenza ta’ assi b’emissjonijiet għoljin), u riskji tas-suq (bħal bidliet fil-preferenzi tal-konsumaturi jew mudelli tad-domanda).

**Kanali mikroekonomiċi:**

- Il-kumpaniji m'għadhomx iktar profittabbli u lanqas m' għandhom dejn eċċessiv, jew jinsabu f’riskju li jsiru hekk, minħabba ż-żieda fil-kostijiet ambjentali (eż. il-kostijiet għat-tranżizzjoni lejn teknoloġiji aktar ekoloġiċi, il-ktajjen tal-provvista u l-proċessi ta’ produzzjoni, iż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija, iż-żieda fit-tassazzjoni fuq l-emissjonijiet, il-volatilità tal-prezzijiet tal-komoditajiet, il-primjums tal-iskarsezza tar-riżorsi) u/jew il-bidliet fil-preferenzi u d-dinamika kompetittiva tal-konsumaturi.
- L-assi huma mitlufa jew indeboliti b’mod sinifikanti, jew f’riskju li jsiru hekk, peress li m'għadhomx adattati għall-istandards attwali jew għall-preferenzi tal-konsumatur.
- Il-korporattivi huma legalment responsabbli, minħabba nuqqas parzjali ta’ allinjament mat-tranżizzjoni.
- L-unitajiet domestiċi jġarrbu l-kostijiet tat-tranżizzjoni (eż. il-kostijiet tal-introduzzjoni ta’ proprjetajiet sa telf standard jew kapitali mal-bejgħ, tassazzjoni akbar, prezzijiet ogħla tal-enerġija, kost akbar tal-oġġetti u s-servizzi bażiċi) li jaffettwaw b’mod sinifikanti l-kundizzjoni finanzjarja u d-domanda għas-self tagħhom.

**Kanali makroekonomiċi:**

- It-tibdil fundamentali fit-taħlita tal-enerġija, fil-livelli tal-prezzijiet tal-enerġija u fil-mudelli tal-użu tal-enerġija – xprunat mill-isforzi ta’ mitigazzjoni tal-klima, il-kontroll tat-tniġġis, l-iskarsezza tar-riżorsi, eċċ. - li jaffettwa l-ekonomija kollha;
- Bidliet sinifikanti fil-prezzijiet, speċjalment għal prodotti intensivi fl-enerġija jew li jagħmlu ħsara lill-ambjent;
- Bidliet fil-produttività;

- Il-frizzjonijiet fis-suq tax-xogħol li jirriżultaw fil-qgħad u s-setturi taħt pressjoni minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa;
- Bidliet fil-preferenzi tal-konsumatur u tas-suq;
- Impatti oħra fuq il-kummerċ internazzjonali, id-dħul tal-gvern, l-ispazju fiskali, ir-rati tal-imgħax u r-rati tal-kambju.

## Għal riskji fiżiċi:

L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji akuti li jirriżultaw miż-żieda fil-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tal-klima jew tat-temp (bħal mewġiet ta' sħana, għargħar jew kontaminazzjoni minn sorsi tal-ilma) u riskji kroniċi li jirriżultaw minn bidliet fit-tul fix-xejriet klimatiċi u tat-temp (bħal temperaturi medji li qed jogħlew, żieda fil-livell tal-baħar jew tnaqqis fid-dakkir).

### Kanali mikroekonomiċi:

- Il-profittabbiltà korporattiva hija affettwata minn tfixkil serju għan-negozju jew fil-katina tal-valur minħabba kundizzjonijiet ambjentali avversi ħafna, minn deterjorament gradwali minħabba l-kundizzjonijiet tax-xogħol, jew minn żieda fil-kostijiet (eż. kostijiet ta' adattament, prezz tal-inputs ewlenin);
- L-introjtu tal-unitajiet domestiċi huwa affettwat minn tfixkil ambjentali, minn deterjorament gradwali tal-attivitajiet ekonomiċi, jew mill-impatt fuq is-saħħa;
- L-assi korporattivi jew il-proprjetajiet tal-unitajiet domestiċi ssirilhom ħsara minħabba kundizzjonijiet tat-temp avversi ħafna jew jiddeterjoraw gradwalment (eż. tnaqqis jew espansjoni tat-tafal);
- Il-kumpaniji u l-unitajiet domestiċi jġarrbu kostijiet ogħla ta' manutenzjoni u adattament, jew saħansitra kostijiet ta' rikostruzzjoni.

### Kanali makroekonomiċi:

- Effetti sekondarji ta' temp ħażin ħafna, inċidenti ta' tniġġis, skarsezza tal-ilma u effetti oħra ta' tisħin globali u degradazzjoni tal-ekosistema għall-ekonomija kollha ta' ċerta żona ġeografika;
- Ċaqliq sinifikanti fil-prezzijiet minn xokkijiet fil-provvista li jirriżultaw fi pressjoni inflazzjonarja;
- Tnaqqis fil-produttività tal-forza tax-xogħol u impatti fuq is-saħħa;
- Interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista u skarsezza tar-riżorsi;
- Migrazzjonijiet u spostamenti.